MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 1095/2004

**Simonds Farsons Cisk p.l.c.**

**Vs**

**Jason Briffa**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' Lm905.76c (disa' mija u hames liri Maltin u sitta u sebghin centezmu) rapprezentanti bilanc minn somma akbar, il-valur ta' prodotti ta' xorb mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut fuq inkarigu ta' l-istess konvenut.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-atti tal-kawza u sema’ lil Dr Stephen Muscat li kkonferma li l-ammont ghadu dovut;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ Lm905.76c (disa’ mija u hames liri Maltin u sitta u sebghin centezmu), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------